QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T' OTTUBRU 2001

Avviz Nru 768/98DM

Economicard Worldwide Ltd

vs

Paul A Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm506.93 (hames mija u sitt liri 93c) in kwantu ghal LM282.53 (mitejn tnejn u tmenin liri 53c) prezz ta' servizzi ta' vjaggar u in kwantu ghal Lm224.40 (mitejn erbgha u ghoxrin liri 40c) hlas minn flok "notice" skond l-Art. 34 tal-Kap 156 meta l-konvenut abbanduna l-impieg tieghu ma' l-atturi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut Paul A Micallef fejn eccepixxa:

1 Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm282.53c0) m'huwiex dovut stante hlas;

2 Illi fir-rigward tal-bilanc dan ukoll m'huwiex dovut stane li kienet is-socjeta' attrici li qabdet u tterminat l-impjieg ta' l-eccipjent minghajr ebda raguni valida;

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4 Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi l-eccipjent kien impjegat mas-socjeta attrici;

2 Illi f'Ottubru 1997 is-socjeta attrici tterminat l-impjieg ta' l-eccipjent minghajr ebda raguni valida, meta huwa kien jinsab fuq sick leave;

3 Illi skond il-ligi s-socjeta attrici kienet obbligata taghti avviz tat-temm ta' impjieg lill-eccipjent, liema fatt hija naqset milli taghmel;

4 Illi inoltre s-socjeta attrici naqset milli taghti lill-eccipjent hlas ghal -leave li kien fadallu;

5 Ghalhekk tghid is-socjeta attrici ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti bhala hlas ta' kumpens ghal temm ta' impjieg u hlas ta' leave;

6 Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-ammont ma jeccedix is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000);

7 Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l- atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn eccepew:

1 Illi in kwantu ghat-talba ghall-hlas ta' "notice" din ghandha tigi respinta stante illi t-talba ghandha tigi kkunsidrata "res judicata" b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Frar 1999;

2 Illi fi kwalunkwe kaz, il-mertu kif mitlub mill-konvenut gie ttrattat fil-kaz Pulizija (DLE) Vs John A Gauci Maistre u deciz kif indikat hawn fuq u ghalhekk il-principju "ne bis in idem" japplika wkoll;

3 Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut stess naqas illi jottempora ruhhu ma l-obbligi tieghu naxxenti mill-Kap 135 Art 34;

4 Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-atturi tas-17 ta' Marzu 2000 fejn irriducew it-talba taghhom ghall LM282.53 stante tranzazzjoni limitata.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Meta l-atturi jirriducew it-talba taghhom b'dak l-ammont ta LM224.40 li kienu qed jitolbu bhala kumpens ghal xi granet nieqsa ta 'notice' li jsosstnu li kellhu jghati l-konvenut, jirrizulta li t-talba li ghadhom qed issostnu hija limitata ghall-prezz ta servizzi ta vjaggar li minnhom ibbenefika il-konvenut.

Ghalkemm fl-ewwel lok l-atturi identifikaw l-invoices Numri 2984 tas-26 ta Dicembru 1996 (LM96.04), 3395 ta 21 ta Awissu 1997 (LM127.54) u 3465 tat-30 ta Settembru 1997 (LM94.88), in sewgitu allegaw li ma setghux jindikaw invoices specifici billi mal-konvenut kellhom kont kurrent u ma kienux jispecifikaw l-invoices meta kien isir hlas.

Ghalhekk huma ghamlu riferenza ghall-istatements kollha spediti lill-konvenut bejn l-1995 u l-1999 u fid-Dok AF1 indikaw il-pagament kollha akkont li ghamel il-konvenut.

Billi l-konvenut minn-naha tieghu ikkontesta il-pretensjonijiet tal-atturi, ma kienx sufficjenti bhala prova li l-atturi jippresentaw biss l-istatements, izda meta ibbazaw it-talba taghhom fuq kwantita' ta operazzjonijiet kummercjali separati huma kienu obbligati li jipproducu kull invoice partikolari u jippruvaw li kull servizz u kull negozju separat effettivament inghata jew sar fuq ordni u ghal beneficcju tal-istess konvenut.

Inoltre mill-istess rendikont (Dok AF1) jirrizulta li l-invoice No. 2984 kienet addebitata mhux lill-konvenut personalment izda lil kumpanija gestita mill-konvenut. L-ammont ta Lm96.04 relattiv ghalhekk ma jistghax jigi addebitat lill-konvenut.

Izda, apparti l-insufficjenza tal-provi, lanqas ma hija verosimili l-allegazzjoni tal-atturi li l-pagamenti tal-konvenut ma kienux abbinati mal-invoices. Infatti diversi statements minnhom stess ipprezentati u mill-ircevuti tal-konvenut jirrizulta infatti li l-pagamenti kienu effettivament jigu abbinati mal-invoices partikolari.

Ghalhekk issib li l-atturi ma waslux ghall-prova minnhom rikjesta u tichad it-talba taghhom.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontrotalba tal-konvenut dwar il-kumpens dovut lilhu a bazi tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu mal-atturi, il-provi minnhu prodotti, li ma jghatu ebda dettalji ta salarju, kundizzjonijiet u dati ohra, ma humiex sufficjenti.

Izda stante id-deposizzjoni ta Alex Fenech tat-22 ta Marzu 2001 fejn ammetta li in linea ta tali kumpens kienu ghadhom dovuti LM81.60, il-Qorti qed tilqa t-talba tal-konvenut limitatment ghas-somma ta'  LM81.60 u tikkundanna lill-atturi li jhallsu lill-istess konvenut l-imsemmija somma.

Bl-ispejjes kollha kontra l-kumpanija attrici.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24